L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: _________

Fehim mill-Qari



# Studenta Ġdida fl-Iskola Tagħna

(A) Aqra tajjeb din is-silta t'hawn taħt:

Alessia kienet għadha kif tasal mill-Italja. Hi u familtha ġew joqogħdu hawn Malta u din it-tifla bdiet tattendi l-iskola fejn immur jiena. Għadni niftakar meta rajtha l-ewwel darba; mitlufa, tħares u tifli l-ambjent ta' madwarha biex forsi tifhem fejn suppost kellha tmur. Jiena mort fuqha u bdejt inkellimha. Imnalla kont noqgħod attenta fil-lezzjonijiet tat-Taljan għax b'hekk, stajna nikkomunikaw aħjar. Staqsietni fejn kienet il-klassi tagħha u wara li wrietni t-timetable, stajt nispjegalha li riedet titla' t-tieni sular ta' blokk Ċ. Spjegajtilha li biex tmur il-librerija riedet toħroġ minn blokk Ċ, iddur fuq il-lemin tagħha, tmur blokk B u titla' l-ewwel sular. Il-laboratorji tal-ikel kienu fl-istess blokk fit-tieni sular. Xtaqet tkun taf fejn kienu l-laboratorji tax-Xjenza. Did-darba, spjegajtilha li minn blokk Ċ riedet iddur fuq ix-xellug tagħha u tibqa' miexja dejjem dritt u ssib blokk E. Għedtilha li s-sala l-kbira tal-iskola kienet fi blokk A u hemmhekk, kien hemm ukoll il-bitħa l-kbira fejn ninġabru ta' kull filgħodu għat-talba u xi avviżi oħra. Ħadtha dawra sal-grawnd tal-iskola. Għaddejtha mit-teatru Grieg li għandna fuq wara tal-iskola tagħna u wrejtha l-kappella biswitu. Alessia tgħidx kemm irringrazzjatni għax bis-saħħa tiegħi, iffamiljarizzat ruħha aħjar mal-iskola. Jiena għedtilha fejn niltaqgħu fil-brejks sħabi u jien, biex jekk tkun trid, tiġi ssibna ħalli ma toqgħodx waħedha. Kemm hu sabiħ meta nkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor! Kemm hu sabiħ meta nagħmlu dak li nkunu nixtiequ li ħaddieħor jagħmel magħna!



(B) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont dak li għadek kif qrajt:

1. X'kienet l-ewwel ħaġa li xtaqet tkun taf Alessia?

_______________________________________________

_______________________________________________

L-Isem: ________________________________ Il-Klassi: __________



2. Fejn kienet tinsab il-librerija tal-iskola?

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

3. Kif riedet tgħaddi biex minn blokk Ċ tmur fil-laboratorji tax-Xjenza?

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

4. Fejn kienet issir it-talba ta' filgħodu?

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

5. X'kien hemm ma' ġenb it-teatru Grieg?

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

6. In-narratriċi tgħid li l-ewwel darba li rat lil Alessia din kienet: "mitlufa, tħares u tifli l-ambjent ta' madwarha". Għaliex taħseb?



___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

7. In-narratriċi tagħlaq billi tgħid: "Kemm hu sabiħ meta nkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor!" Ġieli kont ta' xi għajnuna inti? Kif? X'għamilt?

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________



shutterstock.com • 573684313



L-Isem: ________________________________ Il-Klassi: __________

## Metalingwa

Mis-silta sib:

i) Numru ordinali ____________________________

ii) Nom Propju _____________________________

iii) Nom Komuni _____________________________

iv) Aġġettiv ______________________________

v) Verb fil-Perfett _______________________________



L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: _________

**Tweġibiet**

(B) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont dak li għadek kif qrajt:

1. X'kienet l-ewwel ħaġa li xtaqet tkun taf Alessia?
   Alessia xtaqet tkun taf fejn kienet il-klassi tagħha.

2. Fejn kienet tinsab il-librerija tal-iskola?
   Il-librerija tal-iskola kienet fl-ewwel sular ta' blokk B.

3. Kif riedet tgħaddi biex minn blokk Ċ tmur fil-laboratorji tax-Xjenza?
   Għal-laboratorji tax-Xjenza minn blokk Ċ riedet, iddur fuq ix-xellug tagħha u tibqa' miexja dejjem dritt u ssib blokk E.

4. Fejn kienet issir it-talba ta' filgħodu?
   It-talba ta' filgħodu kienet issir fil-bitħa l-kbira ta' blokk A.

5. X'kien hemm ma' ġenb it-teatru Grieg?
   Ma' ġenb it-teatru Grieg kien hemm kappella.

6. In-narratriċi tgħid li l-ewwel darba li rat lil Alessia din kienet: "mitlufa, tħares u tifli l-ambjent ta' madwarha". Għaliex taħseb?
   Dan għaliex Alessia ma kinitx familjari mal-ambjent u għaldaqstant, ħassitha mgerrxa.

7. In-narratriċi tagħlaq billi tgħid: "Kemm hu sabiħ meta nkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor!" Ġieli kont ta' xi għajnuna inti? Kif? X'għamilt?
   ______________________________________________________________________
   ______________________________________________________________________
   ______________________________________________________________________
   ______________________________________________________________________

## Metalingwa

Mis-silta sib:

| | | |
|---|---|---|
| vi) | Numru ordinali | it-tieni |
| vii) | Nom Propju | Alessia |
| viii) | Nom Komuni | librerija |
| ix) | Aġġettiv | kbira |
| x) | Verb fil-Perfett | riedet |